Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10280 – ABP/Slaney/Linden)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 236/07)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ABP Food Group ("ABP", l-Irlanda),

— Slaney Foods International ("Slaney", l-Irlanda), bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn ABP u Fane Valley,

— Linden Foods Limited ("Linden", l-Irlanda), li bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn ABP u Fane Valley.

ABP takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Slaney u Lindon kollha kemm huma. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ABP: il-qtil ta' annimali bovini u ovini (ħrief u nagħaġ), l-ipproċessar tal-laħam tagħhom u l-ġbir u l-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali assoċjati,

— Slaney u Linden: il-qtil ta' annimali bovini u ovini, l-ipproċessar tal-laħam tagħhom u l-ġbir u l-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali fl-Irlanda u fil-Belġju għal Slaney u fir-Renju Unit għal Linden.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10280 - ABP/Slaney/Linden

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË